Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ottubru 2017

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-ħaddiema kollha jirċievu r-rispett u l-ħarsien tad-drittijiet tagħhom, filwaqt li dawk li m'għandhomx xogħol isibu l-opportunitajiet biex jagħtu s-sehem tagħhom għall-ġid komuni.**

**Ninġabar:**

Insib ambjent kwiet u pożizzjoni komda biex inħejji ruħi għat-talb. Insir konxju ta' dak li għaddej fija. Nieħu nifs fil-fond waqt li nagħraf li Alla qed iħares lejja u lejn ta' madwari b'għajnejn ta' mħabba.

**Fatt ċkejken:**



Claire u Marika kienu ilhom ma jiltaqgħu minħabba li t-tnejn li huma kienu mħabbtin hekk kif fis-sena ta' qabel kellhom tarbija. Peress li issa t-temp kien saħan ftit, setgħu jmorru sal-bandli u jgħidu kelma. F'ħin minnhom il-kliem waqa' fuq ix-xogħol. Claire kienet għadha ma daħlitx lura peress li setgħet tieħu sena *unpaid leave*. Minkejja n-nuqqas tal-flus, Claire irraġunat li hekk setgħet tgawdi lil binha aktar. Madankollu, il-*manager* tagħha baqgħet f'kuntatt magħha tant li meta kien hemm sejħa għall-promozzjoni nfurmataha biex tapplika. Claire ħassitha stmata ħafna u tinsab ħerqana li terġa' lura lejn xogħolha meta taf li l-*manager* tittrataha tajjeb. Iżda mhux l-istess għal Marika. Marika rrakkuntat kif kellha tidħol xogħol eżatt kif spiċċa l-*maternity leave*. Meta talbet biex tieħu tliet xhur *unpaid leave* jew tagħmel it-*telework*, il-*manager* urieha l-bieb ta' barra. U minkejja l-isforzi li għamlet biex taħdem inqas sigħat, xorta ma rnexxilhiex. Il-*manager* tagħha argumenta li kollegi oħra jirnexxilhom jaħdmu *full-time* u jekk jaċċetta l-proposta tagħha jkollu jħaddem lil xi ħadd ġdid biex ipatti għas-sigħat l-oħra, barra li toħloqlu preċedent. Fil-qagħda tagħha Marika ma setgħetx taffordja li titlef xogħolha għax kellha bżonn il-flus biex tkampa mal-ispejjeż tal-ħajja u kella tirritorna kontra qalbha. Marika żgur mhix l-unika omm li jkollha tagħmel ċerti għażliet iebsin minħabba li min jimpjegahom ma jikkunsidrax is-sitwazzjonijiet tal-ommijiet li jerġgħu lura fid-dinja tax-xogħol.

**Naħseb ftit:**

X'valur nagħti lix-xogħol? Kemm napprezza l-importanza tax-xogħol f'ħajti? Infittex li nibża' għal xogħli u nara li nkun stmat f'ħidmieti? Ġieli ħassejt li ta' fuqi ma rrispettawx id-drittijiet tiegħi?

**Nitlob:**

Mulej, nitolbok biex tgħin lid-dinja tħares lejn ix-xogħol aktar bħala mezz ta' kif il-bniedem ikollu dinjità, aktar milli bħala mezz għat-tkabbir ekonomiku.

**Kliem ta' dawl:**

Ix-xogħol hu element fundamentali għad-dinjità ta' kull persuna. Ix-xogħol, biex nużaw din ix-xbieha, 'jidlikna' bid-dinjità, jimliena bid-dinjità; jagħmilna nixbhu lil Alla, li ħadem u għadu jaħdem, jaġixxi dejjem; jagħtina l-kapaċità li mmantnu lilna nfusna, il-familja tagħna, li nikkontribwixxu biex jikber in-Nazzjon tagħna. Papa Franġisku - Mejju 2013

**X'nista' nagħmel:**

Nirrifletti ftit fuq kemm id-drittijiet tiegħi f'xogħli qed jiġu mħarsa. Jekk le, nara kif nista' nirranġa s-sitwazzjoni tiegħi. Nara jekk nafx lil xi ħadd li qed ifittex xogħol u nara kif nista' ngħinu.